**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 1 ta' Awwissu, 2019

Rikors Numru: 163/19 AL

**A B**

Vs

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti u li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi r-rikorrenti kien iżżewweġ lill-intimata, s-Sinjura C D nhar l-24 ta' Mejju tas-sena 1992, liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku u dan hekk kif inhu indikat mill-istess ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok 'A';

2. Illi l-partijiet ilhom għal aktar minn erba' snin separati de facto u effetivament ma teżisti l-ebda possibilita' ta' rikonċiljazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimata;

3. Illi l-partijiet isseparaw legalment minn ma' xulxin, permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja nhar il-5 t' Ottubru 2015, in-atti tan-Nutar Dr Joseph Smith La Rosa, liema kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok 'B';

4. Illi mill-imsemmi żwieġ il-partijiet kellhom żewġt itfal, li llum il-ġurnata huma t-tnejn maġġorenni. L-ewwel wild iġib l-isem ta' Y, li twieled nhar it-2 ta' Lulju tas-sena 1996 (ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala Dok 'Ċ'), filwaqt li t-tieni wild iġib l-isem ta' X, li twieldet nhar is-6 t' April 1998 (ċertifikat tat-twelid qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok 'D');

5. Illi ir-rikorrent jiddikjara li m'hemm l-ebda kwistjoni dwar manteniment rigward it-tfal tal-partijiet msemmija, la in kwantu arretrati u lanqas fil-preżent, u dan stante li tali obbligu illum il-ġurnata m' għadux jeżisti;

6. Illi hekk kif inhu indikat fl-istess kuntratt tas-separazzjoni personali, il-partijiet kienu ddekadew reċiprokament għall-manteniment mingħand xulxin, kwindi ma teżisti l-ebda lanjanza f'dan is-sens bejn l-istess partijiet.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara li ż-żwieġ tagħhom hu maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għal finijiet u effetti kollha tal-liġi;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex jirreġistrah skond il-liġi fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta li giet ikkonfermata bil-gurament mill-intimata u li permezz tagħha :

1. Illi hija tikkonferma u tiddikjara illi taqbel mal-fatti kollha kif dikjarati mir-rikorrenti fir-rikors promotur tieghu tat-8 ta' April, 2019;
2. Illi ghaldaqstant l-intimata tiddikjara illi hija ma ghandha l-ebda oggezzjoni sabiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti sabiex iz-zwieg taghhom jigi xolt permezz tad-divorzju.
3. Illi fir-rigward tal-ispejjez, għalkemm ma saret l-ebda talba f'dan is-sens mir-rikorrenti, l-intimata tirrileva illi kull parti għandha tbati l-ispejjez tagħha.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' April 2019;

Rat ir-risposta tal-intimata li giet ikkonfermata minnha bil-ġurament;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ssodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom aktar minn erba` snin *de facto* separati minn ma' xulxin u legalment separati sa mill-5 ta' Ottubru, 2015 ;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u li ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;